MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 8/2023LM

**Antonella Galea (K.I. nru. 315977(M))**
*('l-appellanta')*

***vs.***

i. **Il-Kunsill Reġjonali Port ġja Xlokk; u**
ii. **Is-Segretarju Permanenti Ewlieni; u**
iii. **Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Antonella Galea (K.I. nru. 315977(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] fis-16 ta' Jannar, 2023, fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru.

4070/MF fejn it-Tribunal laqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati l-**Kunsill Reġjonali Port ġja Xlokk, is-Segretarju Permanenti Ewlieni u l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] u b'hekk iddikjara li ma kellux kompetenza jisma' il-każ imressaq quddiemu mill-appellanta.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg definit tal-appellanta mal-appellat l-Kunsill Reġjonali Port ġjà Xlokk [minn issa 'l quddiem 'il-Kunsill'], bħala Segretarja Eżekuttiva, liema mpjieg ġie terminat permezz ta' laqgħa urġenti li ssejħet fit-28 ta' Settembru, 2021 mill-istess Kunsill appellat.

**<u>Mertu</u>**

3. L-appellanta għalhekk istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fis-16 ta' Mejju, 2022 permezz ta' rikors fil-konfront tal-appellati, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex:

1. *Jiddikjara illi t-tkeċċija tal-Esponenti kienet illegali,* ultra vires, *mingħajr ebda bażi fil-Liġi u fil-fatt; u*
2. *Konsegwentement iħassar u jirrevoka t-tkeċċija tagħha mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv; u*
3. *Jordna illi l-Esponenti terġa' titpoġġa fil-pożizzjoni tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Port (ġjà Xlokk); u*
4. *Jordna illi l-istess Esponenti jitħallas lilha s-salarju u l-kumpens kollu (inklużi bonuses, leave li ma ħaditx, eċċ.) illi jispettawha u illi hija għadha ma tħallsitx; u*
5. *Jordna illi ma jkun hemm ebda record ta' proċeduri dixxiplinarji u/jew tat-tkeċċija fil-konfront tal-Esponenti; u*

6. *Jordna illi jiġu reintegrati kwalunkwe benefiċċji u salarji u remunerazzjonijiet illi għalihom kienet issir intitolata l-Esponenti kieku ma tkeċċietx u ma ġietx sospiża; u*
7. *Jordna li jkun hemm investigazzjoni eżawrjenti fil-konfront tas-Sur Paul Farrugia kif ġie rakkomandat mill-Bord rispettiv u anke fil-konfront tad-Direttur Ġenerali* ai termini *tal-Artikolu 30 tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta).*
8. *Jordna illi l-proċedura ta'* performance appraisal *tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021) issir skont il-liġi u titħallas mill-iktar fis, flimkien mal-bonus żejjed dovut tas-sena elfejn u għoxrin (2020).*
9. *Jordna illi jsiru investigazzjoni fir-rigward ta' fastidju sesswali* ai termini *tal-Artikoli 29 u 30 ta' Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 4(2)(c) u 9 ta' Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta".*

4. Il-Kunsill appellat wieġeb permezz tar-risposta tiegħu ppreżentata fl-24 ta' Ġunju, 2022, fejn iddikjara li t-talbiet tal-appellanta kellhom jiġu miċħuda kollha għar-raġunijiet imfissra fit-tweġiba tiegħu.

5. Fit-tweġiba tagħhom ippreżentata fit-30 ta' Ġunju, 2022, is-Segretarju Permanenti Ewlieni [minn issa 'l quddiem 'is-Segretarju Permanenti Ewlieni appellat'] u l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali [minn issa 'l quddiem 'il-Ministru appellat'] eċċepew (a) preliminarjament li t-Tribunal ma kellu l-ebda kompetenza sabiex jisma' l-każ odjern; (b) huma ma kienux leġittimi kuntradditturi; u fil-mertu (ċ) huma ma kienux edotti mill-fatti tal-każ, u għaldaqstant ma setgħux iwieġbu għall-allegazzjonijiet tal-appellanta, iżda d-deċiżjoni għat-tkeċċija tagħha kienet saret skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali [Kap. 363], u għalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tagħha kienu qegħdin jiġu miċħuda; (d) ġaladarba kien hemm allegazzjonijiet dwar fastidju sesswali u mġiba mhux xierqa fuq il-post tax-xogħol, l-appellanta kellha tirrapporta dan l-aġir mill-ewwel. Għalhekk it-

Tribunal kellu jiċħad it-talbiet tal-appellanta bl-ispejjeż, salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

6. Waqt is-seduta tal-4 ta' Lulju, 2022, il-Kunsill appellat iddikjara li huwa kien qiegħed jagħmel tiegħu l-ewwel eċċezzjoni tal-appellati l-oħra.

**Id-deċiżjoni appellata**

7. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

> *"Dan il-Każ ġie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibgħut lit-Tribunal Industrijali datat 11 ta' Mejju 2022. Ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avukat Dr. Lorna Mifsud Cachia.*
>
> *It-Tribunal jagħmel referenza għall-ewwel eċċezzjoni għar-rigward il-kompetenza u li l-istess partijiet xtaqu sentenza.*
>
> *It-Tribunal jagħmel referenza għal Dok 43 fejn jagħmel referenza speċifika li r-rikorrenti ġiet nominata* Public Officer.
>
> *Di più it-Tribunal jagħmel referenza għall-Liġi fejn tgħid li* Public Officer *huwa soġġett għall-*Public Service Commission. *B'hekk jiddikjara lit-Tribunal Industrijali m'għandux kompetenza li jisma' din il-kawża.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal jiddeċidi li ma għandux kompetenza u b'hekk tintemm il-kwistjoni tax-xogħol."*

**L-Appell**

8. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2023 fejn qiegħda titlob għat-tħassir u għar-revoka tad-deċiżjoni appellata, filwaqt li għandha tiġi miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tas-

Segretarju Permanenti Ewlieni appellat u tal-Ministru appellat, billi l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jissokta jisma' il-kwistjoni tax-xogħol.

9. Il-Kunsill appellat wieġeb fil-15 ta' Frar, 2023, fejn qiegħed jissottometti li d-deċiżjoni tal-Tribunal hija waħda ġusta u għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha. L-appellati Segretarju Permanenti Ewlieni u l-Onor. Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, għad li kienu debitament notifikati bir-rikors tal-appell u bl-avviż tas-smigħ tal-appell, ma ppreżentaw l-ebda risposta entro t-terminu mogħti lilhom, u lanqas ma dehru għas-smigħ tal-appell jew deher xi ħadd għalihom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

10. Il-Qorti ser tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk skont kif qiegħed jikkontendi l-Kunsill appellat, l-appell odjern huwiex inammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452. Il-Kunsill appellat jissottometti li d-dritt ta' appell skont dan is-subartikolu huwa wieħed partikolari ħafna, imma wkoll wieħed ċar u inekwivoku. Jgħid li skont l-imsemmi subartikolu, l-appell għandu jkun dwar punt ta' liġi mittiefes relatat ma' tkeċċija nġusta f'dawk il-każijiet li skont il-para. (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452, jaqgħu taħt il-kompetenza tat-Tribunal. Il-Kunsill appellat jikkontendi li fi kwalunkwe każ, kull parti għandha dritt li titlob sabiex l-appell jiġi dikjarat null u bla effett fil-liġi għaliex ma jkun ġie ndikat l-ebda punt ta' liġi fl-appell jew *"għal kull raġuni oħra tkun li tkun".* Minn hawnhekk huwa jgħaddi sabiex jiċċita d-disposizzjonijiet tas-

subartikolu 82(3) u dawk tal-paragrafi (a) sa (ċ) tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452, fejn jagħmel enfażi partikolari fuq il-*proviso* li ġej:

> "Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni 'ħaddiem' ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att."

Il-Kunsill appellat jikkontendi li ġaladarba l-appellanta hija 'uffiċjal pubbliku', it-tkeċċija tagħha mhijiex ikkontemplata fis-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452, u għalhekk hija m'għandha l-ebda dritt ta' appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal, u l-appell odjern għandu jiġi ddikjarat null u bla effett, saħansitra inammissibbli. Dan filwaqt li jsostni li t-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni appellata. Iżda l-Kunsill appellat jkompli billi jittratta l-kwistjoni ta' nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal sabiex jiddeċiedi l-każ odjern. Jikkontendi li ċertament m'għandu l-ebda kompetenza ġaladarba l-appellanta hija uffiċjal pubbliku, iżda kienet il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kellha s-setgħa fuqha f'dan ir-rwol tagħha.

11. Il-Qorti tikkunsidra li l-Kunsill appellat għandu raġun fir-rigward taż-żewġ punti legali li huwa jittratta fit-tweġiba tiegħu. Tibda billi tgħid li bla dubju l-appellanta m'għandha l-ebda dritt li tressaq appell quddiem din il-Qorti ġaladarba hija uffiċjal pubbliku *ai termini* tas-subartikolu 49(3) tal-Kap. 363. Dan il-fatt li mhuwiex ikkontestat fir-rikors tal-appell tal-istess appellanta, saħansitra jirriżulta mill-Artikolu 1.10 tal-kuntratt ta' impjieg tagħha tal-10 ta'

Ġunju, 2019[1], u ġie hekk ukoll iddikjarat mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2022 meta stqarret li *"...s-Sa Antonella Galea kienet maħtura bħala uffiċjal pubbliku ai termini ta' artikolu 110 tal-Kostituzzjoni".* Ċertament l-appellanta kellha tiġi ggwidata sew minn dik id-deċiżjoni. Iżda għandha żżid tgħid wkoll li kien korrett it-Tribunal meta għall-istess raġuni, huwa ddikjara li ma kellu l-ebda kompetenza li jittratta l-proċeduri li l-appellanta kienet ressqet quddiemu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] Dok. D a *fol.* 58 *et seq.* tal-atti tat-Tribunal, fejn l-artikolu 1.11 jispjega kif l-appellanta kienet ġiet magħżula għall-pożizzjoni tagħha wara sejħa pubblika.